MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 166/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Johan Sultana**
**Mark Dimech**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Johan Sultana u Mark Dimech talli nhar il-11 ta' Frar 2004 ghall-habta tat-3.00 a.m. f'San Pawl il-Bahar, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe` dak ta' serq aggravate, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` taghhom u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, hin u valur li jeccedi l-elf liri Maltin

(Lm1,000) ghad-dannu ta' Etienne Vella minn San Pawl il-Bahar u/jew persuni ohra;

Talli wkoll fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Frar 2004 minn San Giljan ikkommettew serq ta' vettura ta' l-ghamla Lancia Thema bin-numru tar-registrazzjoni JGC-003, liema serq li huwa kkwalifikat bil-vjolenza nemerika, xorta tal-haga misruqa, hin u valur li jeccedi l-elf liri Maltin (Lm1,000) sar ghad-dannu ta' Joseph Curmi minn San Giljan;

Talli wkoll fis-7 ta' Frar 2004 u fil-jiem ta' wara, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew b'kull mod li kien indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Talli wkoll fis-7 ta' Frar 2004 u fil-jiem ta' wara, f'diversi lokalitajiet, f'dawn il-Gzejjer, volontarjament hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-hames mitt liri Maltin (Lm500), u dan sar ghad-dannu ta' Etienne Vella minn San Pawl il-Bahar u/jew persuni ohra u ta' Joseph Curmi minn San Giljan;

Lil Johan Sulana wahdu talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 17 ta' Frar 2000, 30 ta' Mejju 2000, 28 ta' Novembru 2000, 12 ta Settembru 2001, 6 ta' Dicembru 2001, 5 ta' Gunju 2002, 11 ta' Lulju 2002 u 24 ta' Ottubru 2002. Akkuzat aktar bi ksur ta' tliet Probation Sentences a tenur ta' l-Artikolu 5 tal-Kap 152 (illum Art 7 tal-Kap 446) fejn kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 27 ta' Novembru 2001, 5 ta' Gunju 2002, u 3 ta' Dicembru 2002 u illiberat bil-kundizzjonijiet komtemplati fl-istess artikoli u cioe li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin. Barra minnhekk akkuzat ukoll talli kkommetta reati waqt il-perjodu operattiv ta' tliet sentenzi sospizi mill-Qorti tal-Magistrati datati 5 ta' Gunju 2002, 7 ta' Ottubru 2002 u 15 ta' Ottubru 2002;

Lil Mark Dimech wahdu talli sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 17 ta' Novembru 1999, 24 ta' Jannar 2001, 2 ta' April 2002 u 28 ta' Gunju 2002. Akkuzat aktar bi ksur tal-probation a tenur ta' l-artikolu 5 tal-Kap. 152

(illum art. 7 tal-Kap. 446) fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 20 ta' Lulju 2001 u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu u cioe` li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin. Barra minnhekk akkuzat ukoll talli kkommetta reati waqt il-perijodu operattiv ta' zewg sentenzi sospizi mill-Qorti tal-Magistrati datati 15 ta' Ottubru 2001 u 10 ta' Settembru 2003;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' April 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet (1) lill-imsemmi Johan Sultana, fuq l-istess ammissjoni tieghu, hati ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet u l-hames imputazzjoni dwar recidiva ghajr ghall-ksur ta' *probation* (stante illi l-ebda artikolu elenkat mill-Avukat Generali ma jindika ksur ta' *probation*) u hati ta' ksur ta' sentenzi ta' piena sospiza tal-15 ta' Ottubru 2002 (document MX17) fejn gie kkundanna sena prigunerija sospizi ghal erba' snin, u tas-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2002 (document MX16) fejn ukoll gie kkundannat ghal sena prigunerija sospizi ghal erba' snin, u, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c)(f)(g), 325(a), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 330, 279(b), 280, 281, 289, 49 u 50, 28A sa 28H, 31, 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu ghal sentejn prigunerija ghall-imputazzjonijiet odjerni, kif ukoll irrendiet is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2002 (document MX17) operattiva u ghaldaqstant ikkundannatu inoltre ghal sena prigunerija, kif ukoll irrendiet is-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2002 (Dok. MX16) operattiva u ghaldaqstant ikkundannatu ghal sena ohra prigunerija, total ta' erba' snin prigunerija, u dan filwaqt illi lliberatu mit-tielet imputazzjoni ta' ricettazzjoni li hija sussidjarja ghal dik tas-serq; (2) lill-imsemmi Mark Dimech, fuq l-istess ammissjoni tieghu, hati ta' l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u s-sitt imputazzjonijiet u ghar-rigward ta' l-imputazzjoni tar-recidiva kif ukoll sabitu hati tal-ksur tas-sentenza b'piena sospiza ta' l-10 ta' Settembru 2003 li biha gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u rrendietha operattiva u, wara li rat l-artikoli41(1)(a), 261(a)(b)(c)(f)(g), 325(a), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 279(b), 280, 281, 289, 31, 20, 22, 23, 49 u 50 u 28A

sa 28H tal-Kap. 9, ikkundannatu ghal sentejn prigunerija ghar-rigward l-imputazzjonijiet ordjerni u inoltre kkundannatu ghal sentejn prigunerija ulterjuri ghall-ksur tas-sentenza sospiza ta’ l-10 ta’ Settembru 2003, total ta’ erba’ snin prigunerija, u dan filwaqt illi lliberatu mit-tielet imputazzjoni ta’ ricettazzjoni li hija sussidjarja ghal dik ta’ serq;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Johan Sultana pprezentat fit-8 ta’ Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Mark Dimech ipprezentat fit-8 ta’ Mejju 2006 li permezz tieghu ukoll talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern ;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:
<u>DWAR L-APPELL TA’ JOHAN SULTANA</u>

L-appell ta’ Johan Sultana huwa dwar il-piena li huwa jqis bhala eccessiva. L-appellant jissottometti illi huwa ghamel tajjeb ghad-danni, li ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, li l-kuncett ta’ *crime does not pay* m’ghadux applikabbli fiz-zminijiet tallum u l-iskop ta’ piena mhux biss dak ta’ deterrent jew retribuzzjoni izda ta’ rijabilitazzjoni u piena karcerarja aktarx tkun kontro-produttiva, li huwa kellu l-eta` tenera ta’ 22 sena u ma jidhirx li kien hemm reati ulterjuri wara d-data ta’ l-imputazzjonijiet odjerni.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li

kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1]. Minn ezami ta’ l-artikoli relevanti tal-ligijiet applikabbli jirrizulta li l-piena nflitta taqa’ fil-parametri tal-ligi. Difatti l-piena ghat-tieni imputazzjoni biss hija dik ta’ prigunerija minn disa’ xhur sa tliet snin mizjuda minn grad sa zewg gradi skond il-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 277 tal-Kap. 9 (jigifieri minn tlettax-il xahar sa erba’ snin jekk mizjuda bi grad u minn tmintax-il xahar sa hames snin jekk mizjuda b’zewg gradi). Barra minn hekk in vista tal-fatt li huwa recidiv, il-pieni msemmija jistghu jizdiedu bi grad jew tnejn kemm bis-sahha ta’ l-artikolu 50 tal-Kap. 9 kif ukoll, f’dal-kaz, minn grad sa tliet gradi bis-sahha ta’ l-artikolu 289(1) tal-Kap. 9. Jigifieri l-appellant Johan Sultana seta’ gie kkundannat sahansitra sa massimu ta’ tnax-il sena prigunerija dwar it-tieni imputazzjoni flimkien ma’ dik dwar ir-recidiva u ma’ dik trid tizdied minn terz sa nofs il-piena dwar l-ewwel imputazzjoni, filwaqt illi ir-raba’ imputazzjoni titqies bhala assorbita fl-ewwel u fit-tieni. Ghalhekk il-piena nflitta mill-ewwel Qorti hija sew vicin il-minimu.

Inoltre hawn si trattava ta’ ammissjoni u fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le.

Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti qieset “l-ammissjoni bikrija, il-fatt illi l-imputat hallas il-pendenzi kollha mal-kwerelanti u in vista tal-‘pre-sentencing report’ fejn l-istess Probation Officer irrakkomandat illi l-imputat Johan Sultana ma jimmeritax piena alternattiva ghajr dik karcerarja, in vista tas-sensiela ta’ kundanni minn diversi

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

Qrati illi diga` gew mghoddija in gudikat fil-konfront tal-istess Sultana, u jidher bic-car illi l-imputat ma ha ebda wahda mill-opportunitajiet illi gie moghti mill-Qrati Maltin."

Bazikament jigifieri dik il-Qorti kkunsidrat dak kollu li kien relevanti meta giet biex tiddeciedi dwar il-piena. Din il-Qorti semghet ix-xiehda ta' l-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon li spjegat xi avvanzi li ghamel l-appellant fiz-zmien li ilu fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Tapprezza dawn l-isforzi li qieghed jaghmel u tittama li jkompli f'din it-triq bl-ghajnuna ta' l-istess ufficjal tal-*probation* u dik l-ghajnuna kollha li l-awtoritajiet ta' dik il-Facilita` jistghu jipprovdulu kemm f'dak li huwa l-aspett edukattiv kif ukoll f'dak li huwa l-aspett psikologiku. Pero` din il-Qorti ma tara li hemm ebda gustifikazzjoni sabiex tvarja s-sentenza imposta mill-ewwel Qorti.

Bhalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha **Ir-Repubbklika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

**"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."**

M'hemmx dubju illi l-appellant inghata bosta opportunitajiet mill-Qrati taghna sabiex jirriforma ruhu, inkluz *conditional discharge* ghal sitt darbiet, *probation* ghal hames darbiet u sentenza sospiza ghal tliet darbiet u darba giet estiza. Ghalhekk il-fatt li kellu 22 sena meta wettaq ir-reati in kwistjoni mhix xi raguni biex ikun hemm

temperament fil-piena. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-appellant ghad irid ikompli jizviluppa l-kapacita` li jghix fis-socjeta` minghajr ma jkun ta' minaccja ghal dik is-socjeta` u ghalhekk sejra tikkonferma wkoll l-ordni biex jingiebu fis-sehh is-sentenzi sospizi tas-7 ta' Ottubru 2002 u tal-15 ta' Ottubru 2002 izda sejra taghmel xi rakkomandazzjonijiet f'din is-sentenza.

DWAR L-APPELL TA' MARK DIMECH

L-appell ta' Mark Dimech huwa dwar il-piena li huwa jqis bhala eccessiva. L-appellant jissottometti illi hemm differenza bejn il-fedina penali tieghu u dik ta' Johan Sultana, li huwa ghamel tajjeb ghad-danni, li ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, li l-kuncett ta' *crime does not pay* m'ghadux applikabbli fiz-zminijiet tallum u l-iskop ta' piena mhux biss dak ta' deterrent jew retribuzzjoni izda ta' rijabilitazzjoni u piena karcerarja aktarx tkun kontro-produttiva, li huwa kellu l-eta` tenera ta' 22 sena u ma jidhirx li kien hemm reati ulterjuri wara d-data ta' l-imputazzjonijiet odjerni, li l-perijodu li ghamel taht *house arrest* ma giex rifless fis-sentenza, u li fir-rigward tas-sentenza sospiza ta' l-10 ta' Settembru 2003 kien ghamel diversi xhur taht arrest preventiv.

Dak li ntqal fir-rigward ta' l-appell ta' Johan Sultana ghandu jitqies li japplika *mutatis mutandis* dwar l-appell ta' Mark Dimech. Fil-fatt, ghalkemm il-fedina penali tieghu mhijiex twila daqs ta' Johan Sultana, xorta hija "oneruza" u minnha jirrizulta illi dan l-appellant inghata diversi opportunitajiet ukoll biex jirriforma ruhu. Fil-fatt mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta illi tqieghed taht *probation* darbtejn u nghata sentenza sospiza ta' prigunerija darbtejn u jidher li kien involut f'sensiela shiha ta' serqiet.

L-appellant Mark Dimech pero` qieghed jippretendi li mis-sentenza jitnaqqaslu z-zmien illi ghamel taht *house arrest*. F'dar-rigward l-appellant m'ghandux ragun. L-artikolu 22 tal-Kap. 9 jipprovdi ghal tnaqqis minn sentenza ta' prigunerija ta' **"kull zmien qabel id-dikjarazzjoni ta' htija u l-kundanna li tulu l-ikkundannat ikun inzamm <u>fil-</u>**

**<u>habs</u> ghar-reat jew reati li tieghu jew taghhom huwa jkun gie hekk misjub hati u kkundannat”** (sottolinear ta’ din il-Qorti). *House arrest* mhuwiex ekwiparabbli ma’ li persuna tkun qed tinzamm “fil-habs”. L-hekk imsejjah *house arrest* huwa meqjus biss bhala kondizzjoni fost ohrajn li jinghataw fl-ghoti tal-helsien mill-arrest u strettament ghalhekk li wiehed jitkellem fuq *house arrest* huwa *“a misnomer”*, peress illi ghalkemm huwa minnu illi tali persuna ma tkunx libera illi ticcirkola fil-pajjiz kif trid hi, hija tkun qieghda fis-sigurta` ta’ darha minghajr ma tkun qed tiffaccja dak kollu li jfisser “habs”. Naturalment xejn ma jostakola li Qorti, fl-ghoti tal-piena, tikkunsidra dan bhala wiehed mill-fatturi li jkun wassalha ghal *quantum* partikolari. F’dan il-kaz pero` l-piena hija sufficjentement miti u m’hemmx lok illi din il-Qorti tqis xi tnaqqis ulterjuri.

Kwantu ghall-perijodu li l-appellant Mark Dimech ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mas-sentenza ta’ l-10 ta’ Settembru 2003, wara li din il-Qorti semghet lil P.S. 1211 Richard Zammit jixhed illi jidher illi dan l-appellant kien ghamel perijodu taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dik is-sentenza (31 ta’ Jannar 2002 sa 27 ta’ Gunju 2002) u wara li semghet lill-ufficjal prosekutur jiddikjara li ma jsib ebda oggezzjoni li l-perijodu ta’ arrest preventiv jigi kkunsidrat, tqis din it-talba gustifikata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi (1) tichad l-appell ta’ Johan Sultana u tikkonferma s-sentenza appellata fil-konfront tieghu fl-intier b’dan illi tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin li jaghti lill-imsemmi Johan Sultana kull ghajnuna edukattiva possibbli kif ukoll dik l-ghajnuna ta’ psikologu/psikologa mehtiega (2) tilqa’ in parti l-appell ta’ Mark Dimech billi tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt illi tordna illi ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-appellant ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mas-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-10 ta’ Settembru 2003, tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------